



12.3.2012

0014/2012

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rikonoxximent tas-Sensittività Kimika Multipla u l-Elettroipersensittività fil-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u l-Problemi tas-Saħħa Relatati (ICD)

**Raül Romeva i Rueda, Kriton Arsenis, Willy Meyer, Michèle Rivasi,  
Oreste Rossi**

Data ta' skadenza: 14.6.2012

0014/2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar ir-rikonossiment tas-Sensittività Kimika Multipla u l-Elettroipersensittività fil-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u l-Problemi tas-Saħħa Relatati (ICD)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa 2004-2010 ( 2007/2252(INI)), b'mod partikolari premessa J tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 1350/2007/KE li tistabilixxi t-tieni programmi ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013), u l-White Paper 'Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013' (COM(2007)0630),
  - wara li kkunsidra ir-risoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar preokkupazzjonijiet rigward is-saħħa marbuta mal-kampi elettromanjetiċi,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-inugwaljanzi fis-saħħa bejn pajjiżi Ewropej differenti għandhom jinqerdu;
- B. billi l-pazjenti tas-Sensittività Kimika Multipla (MCS) huma intolleranti għat-tniġġis ambjentali u l-pazjenti tal-Elettroipersensittività (EHS) għar-radjazzjoni elettromanjetika, li t-tnejn jinvolvu riskji serji f'diversi oqsma li m'għandhomx influwenza fuqhom, bħall-arja li minnha jieħdu n-nifs jew l-esponiment għar-raddjazzjoni elettromanjetika;
1. Jirrakkomanda lill-Istati Membri li għadhom ma inkludewhomx sabiex jinkludu l-MCS u l-EHS fil-Klassifikazzjonijiet Internazzjonali tal-Mard tagħhom u fil-Lista ta' Mard relatat max-Xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol; jissuġġerixxi li l-Assemblea tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għandha tinkludi l-MCS u l-EHS fil-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD-11) tagħha li jmiss;
  2. Ihegġegħ lill-gvernijiet tal-Istati Membri sabiex japplikaw ir-regoli eżistenti fir-rigward tar-radjazzjoni elettromanjetika u l-esponiment għal sustanzi ta' ħsara, u biex japplikaw b'mod strett il-prinċipju ta' prekawzjoni, permezz ta' miżuri tas-saħħa u tal-ambjent effettivi, sabiex jiproteġu minnufih lil dawg affettwati, li qed jiżdiedu b'mod esponenzjali;
  3. Jissuġġerixxi li jiġu armonizzati r-regoli dwar aġenti fiżiċi u sustanzi ta' ħsara fl-Istati Membri, skont il-kriterji eżistenti l-aktar stretti, u ukoll billi jsiru kontrolli fuq prodotti importati;
  4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.